



DEĊIŻJONI TAL-BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI
TAC-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA
LI TADOTTA L-ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĖIT 2018 – CT/CA-009/2017MT

IL-BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI TAC-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Entitajiet tal-Unjoni Ewropea ('iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni'), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tat-2 ta' Jannar 2014 applikabbli għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (Ref. CT/CA-051/2013),

Billi:

(1) Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta l-baġit taċ-Ċentru abbażi tal-abbozz imħejji mid-Direttur;

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-abbozz preliminari tal-baġit 2018 taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni, kif anness għal din id-deċiżjoni, huwa b'dan adottat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 22 ta' Marzu 2017,

Għall-Bord tal-Amministrazzjoni,

R. Martikonis

President

Anness: Abbozz preliminari tal-baġit 2018



ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT 2018

CT/CA-009/2017MT

WERREJ

I. INTRODUZZJONI

- A. INTRODUZZJONI ĠENERALI
- B. DĦUL
- C. INFIQ
- D. ATTIVITAJIET

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – FARSJA ĠENERALI

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – DETTALJI

ANNES 1 – TABELLA TAL-PERSUNAL

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

L-abbozz preliminari tal-baġit 2018 jinkludi:

- A. Din l-introduzzjoni ġenerali;
- B. Id-dħul taċ-Ċentru kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003, b'mod partikolari li jinkludi pagamenti magħmula mill-korpi li ċ-Ċentru jaħdem għalihom, u mill-istituzzjonijiet u l-korpi li magħhom sar qbil dwar kollaborazzjoni bħala kumpens għal xogħol magħmul minnu, inklużi attivitajiet interistituzzjonali, u kontribuzzjoni mill-Unjoni Ewropea;
- C. L-infiq taċ-Ċentru, imqassam skont it-titolu; u
- D. Tqassim tal-infiq taċ-Ċentru skont l-attività. Din il-parti turi r-rabta bejn il-baġit għall-2018 u l-programm ta' ħidma għall-2018, u tidentifika r-riżorsi allokatu għal kull attività biex jintlaħqu l-miri strateġiċi taċ-Ċentru. Dan jindirizza wkoll l-istruttura konvenzjonali tal-baġit.

L-abbozz preliminari tal-baġit 2018 jirrifletti l-abbozz preliminari tal-estimi tad-dħul u l-infiq kif inkluż fl-abbozz ta' dokument ta' programmar taċ-Ċentru 2018-2020 (Ref. CT/CA-050/2016/01) u tħejja f'konformità mar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru (Artikoli 35-37). L-ammonti kollha f'dan id-dokument huma f'ewro. L-abbozz preliminari tal-baġit 2018 tħejja abbażi tal-prezzijiet applikabbli fl-2017, u l-prezzijiet preliminari għall-2018 huma murija fit-tabella hawn taħt. Bħas-soltu, iċ-Ċentru se jagħmel analiżi tal-ispejjeż għal sitt xhur f'Lulju 2017, qabel ir-rieżami tal-previżjonijiet għall-2018.

Prezzijiet preliminari applikabbli fl-2018:

Servizz ipprovdut	Normali (EUR)	Skedati/Bil-mod (EUR)	Urġenti (EUR)	Urġenti ħafna (EUR)
Traduzzjoni (prezz għal kull paġna)	82.00	73.80	102.50	147.60
Modifika (prezz għal kull paġna)	172.00	154.80	215.00	
Reviżjoni (prezz għal kull paġna)	60.00	54.00	75.00	
Editjar (prezz għal kull paġna)	39.00	35.10	43.90	
Trademarks (prezz għal kull paġna)		EUR 34.59 għal 444 645 paġna		
Disinji Komunitarji (prezz għal kull terminu)		EUR 4.00		
Listi ta' termini (prezz għal kull terminu)		EUR 4.00		
Reviżjoni ta' listi ta' termini (prezz għal kull terminu)		EUR 2.50		
Terminoloġija (prezz għal kull persuna/jum)		EUR 900		
Konsultazzjoni lingwistika (prezz għal kull persuna/jum)		EUR 900		
Sottotitolaġġ (prezz għal kull minuta)		EUR 41.00		

Żidiet fit-tariffi

Tip ta' dokument	EUR
Format kumpless (prezz addizzjonali għal kull paġna u l-lingwa mitluba)	15.00
Format PDF u dokumenti stampati (prezz addizzjonali għal kull paġna tad-dokument sors)	12.00
Kunfidenzjali (prezz addizzjonali għal kull paġna u l-lingwa mitluba)	20.00
Lingwa mhux tal-UE (prezz addizzjonali għal kull paġna mitluba)	10.00
Dokument mtella' fuq l-internet (prezz addizzjonali għal kull dokument imtella')	10.00

B. DĦUL

Il-previżjoni tad-dħul totali għall-2018 hija ta' EUR 47.7 miljun, b'EUR 43.4 miljun fit-Titoli 1-4. Id-dħul huwa mqassam kif ġej:

Titolu	Dħul (EUR)
1. Aġenziji u korpi	41 896 900
3. Kooperazzjoni interistituzzjonali (Istituzzjonijiet Ewropej)	778 000
4. Dħul ieħor	729 550
5. Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	4 295 050

Bħal fis-snin preċedenti, il-previżjonijiet tad-dħul taċ-Ċentru huwa bbażat fuq il-previżjonijiet ipprovduti mill-klijenti tiegħu. Għaldaqstant għandu jkun enfazzat li l-estimi tad-dħul huma soġġetti għal bidla, skont il-ħtiġijiet attwali tal-klijenti u l-baġits tagħhom.

Skont l-informazzjoni mogħtija mill-klijenti, id-dħul previst għall-2018 f'Titolu 1 huwa ta' EUR 41.9 miljun, inqas mit-EUR 42.8 miljun fil-baġit għall-2017 (-2.2%). Jiġi EUR 1.9 miljun inqas mid-dħul attwali mill-klijenti fl-2016 (Titolu 1 u Titolu 3, minbarra Partiti 3001 u 3002). Tliet klijenti naqsu l-previżjonijiet tagħhom b'iktar minn EUR 200 000 meta mqabbel mal-2017. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) naqqset b'29.8% (EUR -882 300), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) bi 13.6% (EUR -495 000), u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) bi 62.6% (EUR -460 000). Barra minn hekk, il-previżjoni mill-ECHA hija 41.8% inqas mill-eżitu fl-2016.


Żewġ klijenti biss, l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u l-Kummissjoni, ipprevedew żieda ta' l fuq minn EUR 200 000 kull wieħed, meta mqabbel mal-2017. L-EUIPO ppreveda żieda ta' EUR 179 200 għat-trademarks (Partita 1006) u ta' EUR 258 600 għal servizzi oħra (Partita 1005). Iż-żieda totali mill-EUIPO meta mqabbla mal-2017 hija ta' 2.0%. Meta mqabbel mad-dħul totali rċevut mill-EUIPO fl-2016, il-previżjoni tagħhom għall-2018 hija 3.4% ogħla (EUR 742 700). Għall-Kummissjoni, iż-żieda hija ta' EUR 504 000, bir-raġuni ewlenija tkun il-previżjoni mid-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi tal-Kummissjoni (DG JUST).

Iċ-Ċentru ffirmat ftehim ma' tliet klijenti ġodda fl-2016, li huma s-Segretarjat Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej (EURSC), l-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (BBI JU) u l-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R JU). Partita tal-baġit 1055 għall-EURSC inħolqot fil-baġit 2017 u partita tal-baġit 1056 għall-BBI JU u partita tal-baġit 1057 għall-S2R JU inħolqu f'Titolu 1 tal-abbozz preliminari tal-baġit 2018.

1056	Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika	p.m.
1057	Impriża Konġunta Shift2Rail	p.m.

Id-dħul f'Titolu 3 jikkorrispondi mad-dħul li rċieva ċ-Ċentru fil-kapaċità tiegħu bħala amministratur tal-bażi ta' data IATE (InterActive Terminology for Europe). L-infiq taċ-Ċentru għall-IATE, mill-banda l-oħra, qiegħed imniżżel fil-Kapitolu 31 'Infiq'.

Ċifra 1. Id-dħul imqassam skont it-titolu*, u s-sena: 2016-2018 (Titoli 1, 3 u 4)



*FI-2017, id-dħul kollu mill-klijenti taċ-Ċentru se jiġi rreġistrat fit-Titolu 1. FI-2016, id-dħul mill-istituzzjonijiet tal-UE ġie rreġistrat fit-Titolu 3.

Minbarra d-dħul mill-klijenti u l-kooperazzjoni interistituzzjonali, iċ-Ċentru jipprevedi dħul ieħor fit-Titolu 4, prinċipalment imgħax bankarju, dħul mis-sullokazzjoni ta' parti mill-ispazju tal-uffiċċji mikrija tiegħu lill-Kummissjoni (Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Aġrikoltura u l-Ikel (Chafea)), dħul mill-hosting ta' servizzi ta' ċentru tad-data lill-Aġenzija Ferrovarja Ewropea (ERA) u kontrubbuzzjoni finanzjarja mill-Gvern Lussemburġiż bħala sostenn għall-ħlasijiet tal-kiri taċ-Ċentru. Il-previżjoni għal dan id-dħul fl-2018 hija EUR 729 550.

FI-abbozz preliminari tal-baġit 2018, iċ-Ċentru għamel trasferiment għad-dħul tar-riżorsi minn żewġ fondi ta' riżerva maħluqa fis-snin preċedenti. Il-baġit jinkludi EUR 360 000 fi dħul f'forma ta' trasferiment mir-'Riżerva għal investimenti speċjali'. Dan l-ammont jikkorrispondi għall-infiq previst għall-programm eCdT fl-2018, irreġistrat fil-Kapitolu 32 'Infiq'. Filwaqt li l-fażi tal-iżvilupp ewlieni tal-programm ser tintemm fl-2017, iċ-Ċentru ser ikompli jottimizza l-eCdT fl-2018. Dan ser ikompli jkun ifffinanzjat mir-'Riżerva għall-investimenti ta' eċċezzjoni'.

Barra minn hekk, iċ-Ċentru ttrasferixxa għall-parti tad-dħul tal-'Fond ta' riżerva għall-istabbilizzar tal-prezzijiet' imwaqqaf fl-2011, jiġifieri EUR 3.9 miljun.

Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-previżjonijiet tal-klijenti u l-volumi tat-traduzzjoni hija pprovduta fit-taqsimu E, 'Attivitajiet', u l-parti III, 'Dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq - Dettalji'.


C. INFIQ

L-infiq previst taċ-Ċentru għall-2018 huwa EUR 47.7 miljun. F'Titoli 1-3, il-baġit għall-2018 tnaqqas b'1.7% meta mqabbel mal-baġit għall-2017, għalkemm huwa 5.5% ogħla meta mqabbel mal-eżitu għall-2016. Din iż-żieda mill-2016 sal-2018 hija minħabba l-aġġustamenti previsti fis-salarji fl-2017 u l-2018 kif ukoll infiq ieħor li wkoll huwa suġġett għal indicijar li aktarx iwasslu għal infiq ogħla fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, il-baġit għall-esternalizzazzjoni tas-servizzi tat-traduzzjoni fl-2018 huwa ogħla mill-infiq tal-2016, prinċiplament minħabba ż-żieda prevista mid-Direttorat Ġenerali tal-Ġustizzja u l-Konsumaturi tal-Kummissjoni Ewropea (DG JUST) għall-2018.

Bħala kontrapiż għal din in-nefqa prevista u biex nirrispondu għat-tnaqqis fid-dħul previst, iċ-Ċentru ħa diversi miżuri biex inaqqas l-infiq baġitarju. L-azzjoni ewlenija kienet li jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-maġġoranza tal-partiti baġitarji biex ikun kopert biss dak li mistenni jkun meħtieġ. Dan ifisser li iċ-Ċentru naqqas il-marġni għal minimu f'linji baġitarji ewlenin. Indicijar ogħla tas-salarji, żidiet fil-prezzijiet għas-servizzi tal-Kummissjoni, jew spejjeż ogħla minn dak previst għall-esternalizzazzjoni tat-traduzzjoni jistgħu għaldaqstant iwasslu għal riprijoritizzazzjonijiet fil-baġit taċ-Ċentru.

Flarsa ġenerali lejn l-infiq skont it-titolu, fosthom tqabbil mal-baġit tal-2017 u l-eżitu għall-2016, hija ppreżentata fit-tabella ta' hawn taħt.

Ċifra 2. Id-dħul imqassam skont it-titolu u s-sena: 2016-2018 (Titoli 1, 2, 3 u 10)



*Titulu 1: 'Persunal'; Titulu 2: 'Bini, taġġmir u nfiq operattiv varju'; Titlu 3: 'Nfiq operattiv'; u Titulu 10: 'Fondi ta' Riżerva'. Il-baġit għal Titulu 10 fl-2017 u l-2018 huwa pro memoria (p.m.), iżda jintwera bħala '0'.

Titolu 1, PERSUNAL

Il-baġit għal Titolu 1 fl-2018 jilħaq EUR 26.2 miljun, 3.3% oġġla minn dak għall-2017, jiġifieri żieda ta' EUR 0.8 miljun. Il-baġit taċ-Ċentru jipprevedi aġġustamenti potenzjali tas-salarji annwali, stmati għal 1.8% fis-sena, kif ukoll avvanzi fil-grad biennali u promozzjonijiet. Il-baġit huwa bbażat fuq il-Pjan ta' Stabbiliment ta' 195 impjeg li baqa' fl-istess livell ta' dak approvat mill-Awtorità Baġitarja għall-2017. Il-baġit jikkonsidra wkoll fatturi bħar-rata ta' proporzjon ta' fatturat u l-xejriet tax-xogħol. Dan kollu jwassal għal żieda ta' 5.7% (EUR 1 044 600) fl-Artikolu 110, 'Persunal f'impjeg attiv'.

Filwaqt li l-Pjan ta' Stabbiliment jibqa' kif kien, il-previżjonijiet miżjuda mid-DĠ JUST ma jiġġustifikawx iż-żamma tal-maġġoranza tal-persunal kuntrattwali impjegat biex iforni l-pjattaforma tar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim Online (ODR) wara l-iskadenza tal-kuntratti tagħhom ta' sentejn. Għaldaqstant, tliet karigi kuntrattwali ser jinżammu biex jirrispondu għaż-żidiet fil-previżjonijiet ta' DĠ JUST fl-2018. Konsegwentement, il-baġit għall-persunal kuntrattwali (Partita 1115) tnaqqas b'16.5% fl-2018 meta mqabbel mal-2017.

Bħala kontrapiż għall-impatt tal-aġġustament fis-salarji, il-marġni tal-baġit ġew ikkalkulati b'mod iktar preċiż minn qabel. Il-baġit għall-missjonijiet (Kapitolu 13) u t-taħriġ professjonali (Partita 1120), tnaqqas b'21.1% u 11.9% rispettivament, pereżempju. Iċ-Ċentru ppreveda wkoll 12.5% inqas għall-persunal tal-aġenzija (Partita 1175), li rriżulta f'total ta' EUR 268 400. Partiti oħra fi ħdan Titolu 1 kellhom jizjeddu, iżda b'ammonti żgħar.

Titolu 2, BINI, APPARAT U INFIQ MIXXELANJU OPERATTIV

Il-baġit għal Titolu 2, 'Bini, tagħmir u nfiq operattiv varju', huwa EUR 6.6 miljun fl-2018. B'riżultat tal-miżuri meħuda biex jitnaqqas l-infiq baġitarju, il-baġit għal dan it-titolu tnaqqas b'7.4% meta mqabbel mal-baġit għall-2017. Il-miżuri ewlenin ittieħdu fl-oqsma relatati mal-bini u l-infiq tal-IT (Kapitoli 20 u 21). Dan ifisser li l-marġni għal żidiet fil-prezzijiet għal prodotti u servizzi hija limitata ħafna. Barra minn hekk, riprijoritizzazzjonijiet u tnaqqis fl-infiq ukoll kienu inevitabli. Madankollu, iċ-Ċentru ma nponiex tnaqqis ġenerali fil-partiti kollha, minħabba li xi żidiet tqies li kienu neċessarji.

Iċ-Ċentru rċieva kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern Lussemburgiż fir-rigward tal-ispejjeż tal-kiri tal-uffiċċji. Din il-kontribuzzjoni finanzjarja hija rreġistrata bħala dħul u ma taffettwax l-infiq fit-Titolu 2. Għandu jkun enfasizzat li l-infiq fit-Titolu 2 jinkludi nfiq għall-hosting ta' ċentru ta' data għall-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (ERA) u għas-sullokazzjoni tal-ispazju tal-uffiċċji lil Chafea. F'konformità mal-prinċipju tal-universalità, id-dħul riċevut minn ERA u Chafea hu rreġistrat bħala dħul, għall-kuntrarju ta' tpaċija tal-infiq.

Titolu 3, INFIQ OPERATTIV

Il-baġit għal Titolu 3, 'Infiq Operattiv', ikopri l-esternalizzazzjoni tas-servizzi tat-traduzzjoni, is-servizzi tekniċirelatati mas-servizzi lingwistiċi, kooperazzjoni interistituzzjonali, u l-programm eCdT. Dan se jlaħħaq EUR 14.9 miljun fl-2018 u tnaqqas b'7.0% meta mqabbel mal-baġit għall-2017. Hemm żieda ta' 1.4% meta qabbel mal-eżitu għall-2016.

Il-baġit għal servizzi ta' traduzzjoni esterna jikkostitwixxi l-parti ewlenija tat-titolu tal-baġit, jiġifieri 91.5% fl-2018. L-ispiża proprja ta' dawn is-servizzi tiddependi minn numru ta' fatturi, bħall-bidliet fil-klassifikazzjoni tal-fornituri skont il-kuntratti ta' qafas eżistenti u l-prezz offrut skont kuntratti ta' qafas futuri li jiddependu wkoll mill-iżviluppi ekonomiċi fl-Istati Membri. Il-baġit għall-2018 huwa EUR 13.6 miljun li huwa konformi mal-volumi previsti. Naturalment, l-ispiża proprja tiddependi ħafna mit-talba proprja li ssir mill-klijenti taċ-Ċentru.

Il-kapitolu 31 jinkludi l-infiq taċ-Ċentru għall-amministrazzjoni tal-għodda tal-IATE kif ukoll il-kontribuzzjoni taċ-Ċentru għal għodod oħra interistituzzjonali amministrati mill-Kummissjoni. L-ispejjeż għal dawn l-għodod jiddependu mill-ftehimiet ta' finanzjament bejn il-partijiet li qed jaġixxu fil-qafas tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni għat-Traduzzjoni tal-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI).

It-tielet kapitolu f'Titolu 3 jkopri l-infiq għall-programm eCdt li jilħaq EUR 360 000 fl-2018. Dan tnaqqas b'39.3% meta mqabbel mal-2017 u huwa intiż biss għal servizzi ta' konsulenza. L-infiq huwa kopert bi trasferimenti mill-Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni', partita 5010 tad-dħul.

D. ATTIVITAJIET

Għall-2018, iċ-Ċentru ddeċieda li l-attivitajiet tiegħu l-aħjar li jiġu ddefiniti skont tliet oqsma ta' attività: 1) Attivitajiet operattivi ewlenin: servizzi lingwistiċi; 2) Attivitajiet ta' sostenn; u 3) Amministrazzjoni u attivitajiet ta' superviżjoni. Ir-raba' qasam tal-esternalizzazzjoni u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni li kien jeżisti preċedentement, li kien jinkludi l-azzjonijiet orjentati lejn il-klijent, issa jifforma parti mill-qasam tal-amministrazzjoni u superviżjoni.

Ir-riżorsi umani u finanzjarji għall-2018 huma allokat i għat-tliet oqsma ta' attività, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt. Ir-riżorsi finanzjarji inklużi f'Titoli 1 u 2 huma jew allokat i direttament għal attività, jew indirettament abbażi tar-riżorsi umani użati għal kull attività. Ir-riżorsi finanzjarji fit-Titolu 3, huma direttament allokat i għall-attivitajiet korrispondenti. Il-kalkolu jikkunsidra d-distribuzzjoni tat-tipi differenti ta' karigi, il-grad i differenti u l-ispejjeż tas-salarji. Id-dettalji huma stabbilit i fl-abbozz ta' dokument ta' programmar taċ-Ċentru għall-2018-2020.

	% tar-riżorsi umani (persunal)	% tar-riżorsi finanzjarji	Riżorsi finanzjarji
Attivitajiet operattivi prinċipali	66.8%	77.6%	36 818 052
Attivitajiet ta' sostenn	21.9%	13.1%	6 356 986
Attivitajiet ta' ġestjoni u superviżjoni	11.3%	9.3%	4 524 462
Approprijazzjonijiet fit-Titolu 10: 'Fondi ta' Riżerva', mhux allokat i għal attività	0%	0%	0
Total:	100%	100%	47 699 500

It-tabella ta' hawn taħt turi n-numru totali ta' paġni u termini previsti u d-dħul previst għall-2018 u l-2017. Il-previżjoni tal-volum tat-traduzzjoni, f'numri ta' paġni għal kull klijent, tinsab f'taqsima III, "Dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq - dettalji".

	2018	2017	% bidla minn 2018 -2017
Numru totali ta' paġni previsti*	763 212	761 028	0.3%
Numru totali ta' termini previsti*	187 972	204 742	-8.2%
Dħul totali previst minn traduzzjonijiet, terminoloġija u listi ta' termini***	41 896 900	42 829 600	-2.2%

* Inkluż 444 645 paġna ta' trademarks tal-UE fl-2018 u 436 500 paġna fl-2017.

** Inklużi l-listi ta' termini u d-disinji Komunitarji. 16 492 mit-termini fl-2018 huma disinji Komunitarji, u 150 736 huma termini oħra mill-EUIPO.

*** Inkluż dħul li jikkorrispondi għal-listi ta' termini mill-EUIPO (li ma jinkludux disinji Komunitarji): EUR 602 944 fl-2018 u EUR 632 204 fl-2017.

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – HARSJA ĠENERALI

Titolu	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
	DĦUL			
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĠJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI (*)	41 896 900	42 829 600	38 767 080
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI (*)	778 000	804 000	1 999 227
4	DĦUL IEĦOR	729 550	622 250	1 001 288
5	EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	4 295 050	4 251 650	0
6	RIFUŻJONIJIET	p.m.	p.m.	0
	TOTAL	47 699 500	48 507 500	41 767 595
	INFIQ			
1	PERSUNAL	26 229 300	25 391 800	24 356 689
2	BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV VARJU	6 589 900	7 117 000	6 164 015
3	INFIQ OPERATTIV	14 880 300	15 998 700	14 680 307
10	FONDI TA' RIŻERVA	p.m.	p.m.	0
	TOTAL	47 699 500	48 507 500	45 201 011

* FI-2017 u I-2018, id-dħul taħt Titolu 1 jinkludi d-dħul previst mill-klijenti kollha. FI-2016, id-dħul mill-istituzzjonijiet tal-UE ġie rreġistrat taħt it-Titolu 3.

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ 2018 – DETTALJI

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal- baġit 2018	Baġit 2017	Eżitu 2016	Rimarki
DĦUL					
1000	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)	180 000	181 300	286 729	2 195 paġna
1001	Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)	270 000	256 300	210 586	3 212 paġna
1002	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCCDA)	320 000	320 400	294 583	3 903 paġna
1003	Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)	3 137 000	3 632 000	2 445 841	34 734 paġna
1004	Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	700 000	700 000	728 119	8 537 paġna
1005	Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)	7 465 400	7 206 800	6 491 378	Dokumenti: 68 484 paġna; listi ta' termini: 150 736 termini; Disinji Komunitarji: 16 492-il terminu; editjar 17 180 paġna
1006	trademarks tal-EUIPO	15 382 200	15 203 000	15 613 490	444 645 paġna
1007	Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)	100 000	90 100	149 109	1 220 paġna
1008	Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)	43 300	106 400	27 130	528 paġna
1009	Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)	302 300	352 000	392 559	3 686 paġna
100	Artikolu 100	27 900 200	28 048 300	26 639 524	
1010	Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)	92 800	143 500	65 532	1 132 paġna
1012	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	1 250 000	1 234 800	1 466 796	15 244 paġna
1014	Bank Ewropew tal-Investment (BEI)	p.m.	p.m.	7 380	
1015	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)	247 400	248 500	196 087	2 821 paġna
1016	Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)	167 800	167 800	0	2,046 paġna
1017	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)	124 700	124 700	51 487	1 521 paġna

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal- baġit 2018	Baġit 2017	Eżitu 2016	Rimarki
1018	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA)	176 000	137 000	41 731	2 147 paġna
1019	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)	900 000	730 000	549 004	10 976 paġna
101	Artikolu 101	2 958 700	2 786 300	2 378 017	
1020	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA)	80 000	70 000	11 053	976 paġna
1021	Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	254 000	308 400	291 883	3 225 paġna
1022	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	315 600	343 600	369 976	4 277 paġna
1023	Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)	791 500	790 500	531 107	9 477 paġna
1024	Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME)	13 600	13 600	8 309	166 paġna
1025	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)	53 200	62 600	28 571	629 paġna
1026	Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel (Chafea)	338 800	336 400	155 056	4 132 paġna
1027	Aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA)	17 000	17 000	5 412	207 paġna
1028	Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA)	10 000	10 000	5 772	122 paġna
1029	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)	2 081 600	2 963 900	3 577 266	24 540 paġna
102	Artikolu 102	3 955 300	4 916 000	4 984 405	
1030	Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)	177 800	216 400	166 647	2 169 paġna
1031	Impriża Konġunta Ewropea tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E JU)	46 600	46 600	53 104	568 paġna
1032	Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen)	p.m.	p.m.	0	
1033	Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA)	26 000	26 000	71 197	317-il paġna

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2018	Baġit 2017	Eżitu 2016	Rimarki
1034	Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	110 200	100 300	98 712	Dokumenti: 1 399 paġna; listi ta' termini: 440 terminu
1035	Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA)	60 700	42 900	44 672	708 paġna
1036	Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka (REA)	32 100	31 200	17 102	386 paġna
1037	Impriża Konġunta Clean Sky 2 (Clean Sky 2 JU)	p.m.	p.m.	11 548	
1038	Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)	170 000	169 000	211 043	2 073 paġna
1039	Impriża Konġunta SESAR (SJU)	28 600	28 600	44 873	349 paġna
103	Artikolu 103	652 000	661 000	718 897	
1040	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data qabel l-2017 (KEPD)	—	—	485 249	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġu rreġistrati fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-EDPS se jiġi rreġistrat fil-Partita 1109.
1041	Impriża Konġunta għall-Implimentazzjoni ta' Inizjattiva ta' Teknoloġija Konġunta f'Sistemi tal-Kompjuter Inkorporat (ARTEMIS)	—	—	—	Din il-partita tal-baġit mhix se tintuża wara l-2015, wara l-ħolqien tal-impriża konġunta ECSEL JU, li għaliha d-dħul qed jiġi rreġistrat fil-partita tal-baġit 1052.
1042	Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattiva 2 (IMI2 JU)	26 000	26 000	4 016	317-il paġna
1043	Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2 JU)	9 200	9 200	2 542	112-il paġna
1044	L-Inizjattiva Impriża Konġunta tal-Kunsill Konsultattiv Ewropew tan-Nanoelettronika (ENIAC JU)	—	—	—	Din il-partita tal-baġit mhix se tintuża wara l-2015, wara l-ħolqien tal-impriża konġunta ECSEL JU, li għaliha d-dħul qed jiġi rreġistrat fil-partita tal-baġit 1052.
1045	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO)	418 200	418 200	1 447 395	5,100 paġna
1046	Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	184 300	198 100	92 933	2 602 paġna
1047	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	275 000	735 000	361 899	3 354 paġna
1048	Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	317 700	310 600	719 062	4 415 paġna
1049	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	137 400	137 400	165 134	1 676 paġna

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2018	Baġit 2017	Eżitu 2016	Rimarki
104	Artikolu 104	1 367 800	1 834 500	3 278 230	
1050	I-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Uffiċċju BEREC)	130 000	87 700	60 994	1 910 paġna
1051	Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)	639 900	731 000	402 560	Dokumenti: 8 695 paġna; listi ta' termini: 304 terminu.
1052	Impriża Konġunta ta' Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL JU)	5 900	5 900	1 886	72 paġna
1053	Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi (Narkotiċi) (MAOC (N))	p.m.	p.m.	p.m.	
1054	Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)	1 000 000	1 000 000	302 568	12 195 paġna
1055	Segretarjat Ġenerali għall-Iskejjel Ewropej (EURSC)	p.m.	p.m.	—	
1056	Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (BBI JU)	p.m.	—	—	Din il-partita baġitarja ġdida hija għall-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (BBI JU).
1057	Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R JU)	p.m.	—	—	Din il-partita baġitarja ġdida hija għall-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R JU)
105	Artikolu 105	1 775 800	1 824 600	768 007	
1099	Dħul mill-klijenti ġodda	p.m.	p.m.	—	Mill-2017, din il-partita baġitarja ġdida ser tintuża biex tirrekordja d-dħul riċevut mill-klijenti l-ġodda, li għalihom partiti baġitarji individwali għad iridu jinħolqu.
109	Artikolu 109				
10	PLASIJET MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJET U L-KORPI	38 609 800	40 070 700	38 767 080	
1100	Kummissjoni Ewropea	1 949 900	1 445 900	—	Dokumenti: 25 948 paġna; listi ta' termini: 20 000 terminu. Il-volum għad-dokumenti jinkludi l-istima ta' volumi għad-DĠ għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, u d-DĠ -Impjegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni.
1101	Parlament Ewropew	p.m.	p.m.	—	
1102	Kunsill tal-Unjoni Ewropea	276 800	263 000	—	4 080 paġna

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2018	Baġit 2017	Eżitu 2016	Rimarki
1103	Qorti Ewropea tal-Awdituri	11 300	10 300	—	110 paġna
1104	Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea	p.m.	p.m.	—	
1105	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	p.m.	p.m.	—	
1106	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	p.m.	p.m.	—	
1107	Bank Ċentrali Ewropew	97 800	144 700	—	950 paġna.
1108	Ombudsman Ewropew	109 800	108 300	—	1 488 paġna.
1109	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD)	841 500	786 700	—	10 262 paġna.
110	Artikolu 110	3 287 100	2 758 900	—	
11	FLASIJET MILL-ISTITUZZJONIJIET	3 287 100	2 758 900	—	Dan il-kapitolu għandu dħul mis-servizzi pprovduti lill-istituzzjonijiet. Sal-2016, dan id-dħul ġie rreġistrat fit-Titolu 3, 'Kooperazzjoni interistituzzjonali' u fil-Partita 1040, 'Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data'.
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĠI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI	41 896 900	42 829 600	38 767 080	L-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
2000	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	
200	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	L-Artikolu 10(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
20	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0	
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0	
3000	Il-Kummissjoni Ewropea qabel l-2017	—	—	869 249	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Kummissjoni Ewropea se jiġi rreġistrat fil-Partita 1100.
3001	Parteċipazzjoni fil-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (CITI)	—	—	0	

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal- baġit 2018	Baġit 2017	Eżitu 2016	Rimarki
3002	Ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali	778 000	804 000	746 257	Din il-partita tkopri dħul riċevut permezz tal-ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali taċ-Ċentru, notevolment il-proġett IATE.
3003	Il-Parlament Ewropew qabel l-2017	—	—	0	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Parlament Ewropew se jiġi rreġistrat fil-Partita 1101.
3004	Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabel l-2017	—	—	67 844	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Kunsill se jiġi rreġistrat fil-Partita 1102.
3005	Qorti Ewropea tal-Awdituri qabel l-2017	—	—	20 018	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri se jiġi rreġistrat fil-Partita 1103.
3006	Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea qabel l-2017	—	—	3 960	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Kumitat tar-Reġjuni se jiġi rreġistrat fil-Partita 1104.
3007	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew qabel l-2017	—	—	6 355	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew se jiġi rreġistrat fil-Partita 1105.
3008	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qabel l-2017	—	—	7 503	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Qorti tal-Ġustizzja se jiġi rreġistrat fil-Partita 1106.
300	Kooperazzjoni interistituzzjonali	778 000	804 000	1 721 185	
3010	Il-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-2017	—	—	59 581	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Bank Ċentrali Ewropew se jiġi rreġistrat fil-Partita 1107.
3011	L-Ombudsman Ewropew qabel l-2017	—	—	218 461	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Ombudsman Ewropew se jiġi rreġistrat fil-Partita 1108.
301	Artikolu 301			278 041	
30	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	778 000	804 000	1 999 227	
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	778 000	804 000	1 999 227	

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal- baġit 2018	Baġit 2017	Eżitu 2016	Rimarki
4000	Imgħax bankarju	55 000	65 000	61 223	
400	Imgħax bankarju	55 000	65 000	61 223	Dan l-artikolu jkopri mgħax li ċ-Ċentru se jirċievi fil-kontijiet bankarji tiegħu.
4010	Rimborżi varji	431 300	314 000	696 814	
401	Rimborżi varji	431 300	314 000	696 814	Dan l-artikolu jkopri rimborżi varji, inkluż dħul mis-sullokazzjoni tal-ispazju tal-uffiċċji u l-ispazju tal-parkeġġ u l-hosting ta' ċentru tad-data lill-Aġenzija Ferrovarja Ewropea.
4020	Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu	243 250	243 250	243 250	Din il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu hija b'sostenn tal-ħlasijiet ta' kiri annwali taċ-Ċentru.
402	Kontribuzzjonijiet oħra	243 250	243 250	243 250	
40	DĦUL IEĦOR	729 550	622 250	1 001 288	
4	DĦUL IEĦOR	729 550	622 250	1 001 288	
5000	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	p.m.	0	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru tat-2 ta' Jannar 2014.
500	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	p.m.	0	
5010	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni'	360 000	593 000	0	It-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni' jikkorrispondi għall-ispejjeż fil-Kapitolu 32, 'Infiq relatat mal-programm eCdT'.
5015	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet'	3 935 050	3 658 650	0	It-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' huwa meħtieġ biex ikun ibbilanċjat il-baġit.
501	Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	4 295 050	4 251 650	0	
50	EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	4 295 050	4 251 650	0	
5	EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	4 295 050	4 251 650	0	
6000	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2018	Baġit 2017	Eżitu 2016	Rimarki
600	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	
60	RIFUŻJONIJIET LILL-KLIJENTI	p.m.	p.m.	0	
6	RIFUŻJONIJIET	p.m.	p.m.	0	
	Dħul totali	47 699 500	48 507 500	41 767 595	
	INFIQ				
1100	Salarji bażiċi	15 374 500	14 547 500	14 119 864	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 66 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża biex tkopri s-salarji bażiċi tal-uffiċjali u l-persunal temporanju.
1101	Benefiċċji għall-familja	1 523 900	1 420 000	1 284 662	Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62, 67 u 68 tagħhom, u s-Sezzjoni I tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża biex tkopri l-konċessjonijiet tal-familja, tal-ulied dipendenti u tal-edukazzjoni għal uffiċjali u għal persunal temporanju.
1102	Konċessjonijiet ta' espatriazzjoni u ta' residenza barranija	2 455 400	2 342 300	2 292 792	Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 69 tagħhom, u l-Artikolu 4 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża biex tkopri l-konċessjonijiet ta' espatriazzjoni u ta' residenza barranija għal uffiċjali u għal persunal temporanju.
1103	Konċessjonijiet segretarjali	23 500	22 900	18 899	Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża biex tkopri l-konċessjoni segretarjali mħallsa lil uffiċjali u lil persunal temporanju fil-kategorija AST impjegati bħala tajpisti stenografiki jew tajpisti, operaturi ta' telex, kompożitur tat-tipi, segretarji eżekuttivi jew segretarji prinċipali, li kienu intitolati jirċevuha qabel l-1 ta' Mejju 2004.
110	Persunal b'impjieg attiv	19 377 300	18 332 700	17 716 217	
1113	Apprendisti	41 700	40 600	23 904	Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri nfiq relatat ma' apprendisti.
1115	Persunal kuntrattwali	1 336 000	1 599 700	1 499 357	Il-Kondizzjonijiet tal-impieg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 3a u t-Titolu IV tagħhom.
